# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

## IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI (OPTION) ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**<u>Taqsima A: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 30 kelma għal kull tweġiba.</u>**

It-tmien prinċipju tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jitkellem dwar l-edukazzjoni inklużiva: "L-edukazzjoni inklużiva għandha tiftiehem bħala l-impenn tal-komunità edukattiva lejn għarfien sħiħ tad-differenzi individwali u t-twettiq ta' politika ta' inklużjoni. Dan il-kunċett jagħraf il-firxa sħiħa ta' interessi, potenzjal u bżonnijiet edukattivi ta' l-istudenti."

(Silta meħuda minn 'Saħħa fid-diversità'.)

1. Spjega x'tifhem b'edukazzjoni inklużiva. 2 marki

2. Dwar min qed nitkellmu meta nsemmu l-inklużjoni? Uri billi tagħti eżempji. 3 marki

3. L-inklużjoni għandha tkun biss fl-edukazzjoni? Jekk le, agħti eżempji fejn l-inklużjoni tista' sseħħ ukoll. 3 marki

4. Għaliex l-inklużjoni qed titqies ta' ġid mhux biss għall-individwu iżda wkoll għas-soċjetà? 5 marki

5. Semmi żewġ (2) inizjattivi li ttieħdu mid-dipartiment edukattiv biex l-inklużjoni ssir possibbli fl-iskejjel. 4 marki

6. X'nifhmu meta ngħidu "gruppi ta' minoranza"? U x'relazzjoni għandhom dawn ma' l-inklużjoni? 3 marki

**Total 20 marka**

**<u>Taqsima B : Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 30 kelma għal kull tweġiba.</u>**

Is-soċjologi jqattgħu ħafna ħin jitkellmu dwar klassijiet soċjali. Dan minħabba l-fatt li m'hemm l-ebda dubju li l-istratifikazzjoni soċjali taffettwa l-ħajja tal-bniedem kontinwament. Il-klassi soċjali taffettwa l-ħajja tal-bniedem fis-saħħa, fl-edukazzjoni u fil-livell ta' għixien tal-ħajja. Taffettwah ukoll fil-mod ta' kif iħares lejh innifsu, fil-lingwa li juża, fil-valuri u fl-ideat. Għalkemm jeżistu l-klassijiet soċjali, xorta jista' jkun hemm ċans ta' xi ċaqliq fl-istratifikazzjoni soċjali.

1. L-istratifikazzjoni soċjali toħloq l-inugwaljanza. Spjega kif u agħti wkoll eżempji. 5 marki

2. Il-klassijiet soċjali li jinsabu fil-quċċata tal-piramida jgawdu minn ċerti privileġġi. Għaliex? Semmi x'taħseb li huma dawn il-privileġġi. 5 marki

3. Xi kultant isir ċaqliq minn saff għal ieħor. X'insejħulu dan iċ-ċaqliq u kif jista' bniedem joħroġ minn saff soċjali li jinsab fih? 5 marki

4. Agħti eżempji ta' kif il-klassi soċjali taffettwa l-valuri. 5 marki

5. Karl Marx u Max Weber tkellmu dwar l-inugwaljanza soċjali. X'qalu dwar dan? Spjega d-differenza li teżisti fl-interpretazzjoni tagħhom. 5 marki

6. L-inugwaljanza tista' tkun ukoll fuq bażi globali u għalkemm sirna nirreferu għad-dinja bħala, villaġġ globali, naraw li l-faqar dejjem jiżdied. X'nifhmu meta ngħidu pajjiżi ta' l-ewwel dinja u pajjiżi ta' t-tielet dinja? 5 marki

**Total 30 marka**

**Taqsima Ċ : Aqra il-kumment ta' hawn taħt u ikkumenta billi tikteb paragrafu dwaru:**

"Il-pajjiżi fqar huma f'din is-sitwazzjoni għaliex il-ħaddiema tagħhom huma għażżenin."

**Total 10 marki**

**Taqsima D : Agħżel TNEJN (2) minn dawn u ikteb madwar 200 kelma fuq kull wieħed.**

1. Il-familja hi l-pedament tas-soċjetà għax hi l-aġent primarju tas-soċjalizzazzjoni ta' l-ulied. Iddiskuti.

2. Is-sekularizzazzjoni daħlet ukoll hawn Malta. X'effett taħseb li din qed tħalli fuq il-ħajja tal-poplu Malti?

3. "Ix-xogħol hu importanti għall-individwu, għall-familja tiegħu u għas-soċjetà". Spjega għaliex ngħidu hekk.

4. Ikkummenta dwar it-tliet setturi ta' l-ekonomija Maltija.

5. "Bidliet soċjali u ekonomiċi jġibu bidla fil-ħajja ta' l-individwi fis-soċjetà". Ikkummenta.

6. Fl-edukazzjoni, 'l-infiq mhux ikkunsidrat bħala spiża, iżda aktar bħala investiment fir-riżorsi umani, l-aktar fiż-żgħażagħ'. Iddiskuti.

(2 x 20 marka)

**Total 40 marka**